MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-20 ta' Ottubru, 2021

Appell Inferjuri Numru 19/2020 LM

**GasanMamo Insurance Limited (C 5143), u l-aġenta tagħha Thomas Smith Insurance Agency Limited (C 5637), u l-assigurat tagħha Edward Zammit (K.I. 872152M)**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Thomas Portelli u Mapfre Middlesea Insurance plc**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **GasanMamo Insurance Limited (C 4153), u l-aġenta tagħha Thomas Smith Insurance Agency Limited, (C 5637), u l-assigurat tagħha Edward Zammit (K.I. 872152M),** [hawnhekk 'l-appellanti'],

minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa 'it-Tribunal'] taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'iċ-Ċentru'], tat-13 ta' Mejju, 2020 [minn issa 'l quddiem 'il-lodo appellat'], li permezz tiegħu t-Tribunal ċaħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti u ordna li l-ispejjeż tal-Arbitraġġ, inkluż l-ispejjeż ta' kwalunkwe att ġudizzjarju relatat miegħu, jiġu sostnuti kollha mir-rikorrenti.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tal-Avviż tal-Arbitraġġ, ir-rikorrenti ddikjaraw li huma kienu qegħdin jitolbu għal-likwidazzjoni fl-ammont totali ta' elfejn, seba' mija u wieħed u sittin Euro u tnax-il ċenteżmu (€2,761.12) bħala riżarċiment għad-danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-inċident stradali li seħħ fit-12 ta' Mejju, 2018 fi Triq is-Sajf ta' San Martin, il-Baħrija, bejn il-vettura AAL 431 misjuqa mill-intimat Portelli u l-vettura EVO 001 proprjetà tar-rikorrent Edward Zammit [minn issa 'l-inċident stradali'], l-assigurat tas-soċjetà rikorrenti. Ir-rikorrenti talbu lit-Tribunal jillikwida wkoll l-ispejjeż tal-preżenti proċeduri, inkluż l-ittri uffiċjali li ntbagħtu lill-intimati fir-rigward tal-imsemmi inċident stradali. Ir-rikorrenti spjegaw li huma qegħdin jitolbu li t-Tribunal jiddikjara li l-intimat Thomas Portelli huwa responsabbli għall-inċident stradali, u li l-kumpannija assiguratriċi intimata għandha tagħmel tajjeb għal dawn id-danni direttament. Ir-rikorrenti talbu wkoll li l-intimati jiġu ordnati jħallsu s-somma totali ta' €2,761.12, bħala riżarċiment għad-danni sofferti minnhom, u li jiġu ordnati jħallsu wkoll l-ispejjeż u d-drittijiet tal-proċeduri istanti, flimkien mal-imgħaxijiet legali kollha fuq id-danni kollha sofferti mir-rikorrenti mid-data tal-preżentata tal-Avviż tal-Arbitraġġ.

**Mertu**

3. Fit-talbiet tagħhom lit-Tribunal, ir-rikorrenti spjegaw li l-inċident stradali seħħ unikament tort tal-intimat Thomas Portelli għaliex kien hu li rriversja l-vettura tiegħu fi triq prinċipali mingħajr ma żamm *proper lookout,* u mingħajr ma ta opportunità lil min kien għaddej f'dik it-triq prinċipali milli jkompli għaddej fi triqtu. Ir-rikorrenti spjegaw li konsegwenza tal-inċident, huma sofrew danni fis-somma ta' €2,761.12.

4. Flimkien mal-Avviż tal-Arbitraġġ, ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tal-*warden report* numru 202510/GWSHL, kopja tas-*survey report* fuq il-vettura EVO 011, kopja tal-irċevuti, kopja tal-ittra tal-11 ta' Ottubru, 2018 u kopja informali tal-ittra uffiċjali numru 3961/18 tad-29 ta' Novembru, 2018.

5. Fir-Risposta tagħhom l-intimati wieġbu li l-inċident stradali seħħ bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EVO 011 proprjetà tar-rikorrent Edward Zammit li kienet misjuqa minn Stephanie Zammit, u assigurata mas-soċjetà rikorrenti, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAL 431 misjuqa mill-intimat Thomas Portelli, liema inċident seħħ fit-12 ta' Mejju, 2018 ġewwa Triq is-Sajf ta' San Martin, il-Baħrija, limiti tar-Rabat. L-intimati ħadu l-pożizzjoni li l-inċident seħħ unikament minħabba traskuraġni u nuqqas ta' ħsieb waqt is-sewqan da parti ta' Stephanie Zammit. Is-soċjetà intimata Mapfre Middlesea plc eċċepiet li hija m'għandha l-ebda rapport ġuridiku mas-soċjetà rikorrenti, u/jew mal-assigurat tagħha Edward Zammit, u l-azzjoni emerġenti mill-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri hija waħda għal danni akwiljani, li għandhom jiġu istitwiti

esklussivament kontra l-persuna jew persuni li kkawżaw id-danni u mhux kontra kontraenti tal-istess persuna, u l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri ma ġiex ikkawżat bi traskuraġni u nuqqas ta' ħsieb da parti tal-intimat Portelli, u għalhekk dan m'għandux jitqies li huwa responsabbli għall-inċident. L-intimati eċċepew ukoll li huma m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu għad-danni sofferti mir-rikorrenti, u d-danni pretiżi mir-rikorrenti huma esaġerati, u huma lanqas m'għandhom jiġu kkundannati jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u għall-ispejjeż l-oħra msemmija. L-eċċezzjoni li permezz tagħha l-intimati kkontestaw il-quantum tad-danni pretiżi mir-rikorrenti, ġiet sussegwentement irtirata waqt il-proċeduri arbitrali.

6. It-Tribunal sema' x-xhieda ta' **Stephanie Zammit**, li qalet li l-inċident stradali seħħ fit-12 ta' Mejju, 2018 wara nofsinhar, waqt li hija kienet fi triqitha lejn darha. Qalet li t-triq fejn seħħ l-inċident hija triq li ta' spiss tgħaddi minnha. Ir-rikorrenti spjegat li l-inċident seħħ fil-parti tat-triq prinċipali li mir-Rabat twassal għall-Baħrija, u riekba magħha fil-vettura fil-ħin tal-inċident kien hemm ċerta Stefanel Cachia, kollega tax-xogħol tagħha, u tifel tagħha ta' tliet snin fil-*car seat* ta' wara l-passiġġiera. Ix-xhud spjegat li t-triq inkwistjoni hija triq fil-kampanja fejn hemm ftit djar, u waqt is-sewqan laħqet *side-road* man-naħa tax-xellug tat-triq, fejn kien hemm vann ipparkjat. Qalet li kif qabżet il-vann, ħarġilha trakk misjuq mill-intimat Thomas Portelli bir-*reverse.* Ix-xhud qalet li d-dar tal-intimat Portelli għandha faċċata li tagħti għal fuq Triq il-Baħrija. Spjegat li hija kienet għaddejja minn *main road,* meta f'daqqa waħda kellha impatt mat-trakk misjuq mill-intimat li ħareġ fil-*main road* minn sqaq. Qalet li hija ma ndunatx bit-trakk, u ppruvat tiskapulah iżda ma rnexxilhiex, għaliex kienu ġejjin vetturi min-

naħa opposta tat-triq. Ix-xhud qalet li t-trakk ikkawżalha ħsara fil-*mudguard* ta' quddiem fuq in-naħa tax-xellug, fil-pilastru, fil-bieba u fil-*quarter window,* u l-parti ta' quddiem tal-vettura ma ntmessitx. Qalet li t-trakk hija ma ratux qabel seħħ l-inċident għaliex kien hemm vann ipparkjat fil-kantuniera, u t-trakk kien ħiereġ bir-*reverse.* Ix-xhud qalet li dak il-ħin hi ħadet qatgħa kbira, u ma waqfitx immedjatament mal-impatt, iżda waqfet quddiem id-dar tal-intimat. B'riferiment għall-iskizz tal-*warden,* ix-xhud qalet li s-*side road* mhijiex wiesgħa daqskemm tidher fuq l-iskizz, u bejn wieħed u ieħor din hija wiesgħa terz tal-*main road.* Ir-rikorrenti qalet li l-verżjoni li ta l-intimat mhijiex korretta, għaliex kien hu li kien qiegħed jirriversja għal ġo *main road.* Qalet li l-isqaq huwa dejjaq, u l-vann li kien ipparkjat fil-kantuniera kien ta' xi ħadd li jaf lill-intimat, għaliex dak il-ħin l-intimat u s-sid tal-vann tkellmu bejniethom u l-vann tneħħa mill-ewwel. Ix-xhud qalet li hija kellha tħallas *excess* biex setgħet tiftaħ il-*claim* u konsegwenza ta' dan, il-*premium* tal-polza tal-assigurazzjoni tagħha għola. Qalet li Thomas Smith ħallsu l-ħsarat li hija ġarrbet fil-vettura tagħha. Ix-xhud qalet li l-*wardens* damu ħafna ma waslu fuq il-post tal-inċident.

7. L-intimat **Thomas Portelli** xehed li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien qiegħed isuq vettura tal-għamla Toyota Djna. Qal li huwa joqgħod aktar 'l isfel minn fejn seħħ l-inċident, u fil-ħin tal-inċident huwa kien sejjer mid-dar għall-għalqa, kif jagħmel ta' spiss. L-intimat Portelli qal li huwa kien ser idur lejn Wied Rini, fit-triq fejn mir-ritratt jidher li kien dieħel il-vann tiegħu, meta ra vettura ġejja mit-triq minn fejn kien dieħel hu u waqaf. Qal li huwa kien fuq in-naħa l-oħra tat-triq u għalhekk kiser biex jidħol lejn Wied Rini. Qal li huwa kien miexi bil-mod, bis-*second* jew *third gear,* u kulma kien hemm kien mal-120 pied mid-

dar tiegħu sat-triq li kien ser idur għaliha. Qal li wara li waqaf, sema' daqqa fuq wara. Ix-xhud qal li Triq is-Sajf ta' San Martin hija triq wiesgħa. Spjega li minbarra l-vann tiegħu, kien hemm spazju għal tliet vetturi oħra, u huwa għalhekk li baqa' sorpriż kif Zammit baqgħet dieħla fih. Qal li huwa ra l-vettura li daħlet fih wara l-inċident biss, u qabel l-inċident ma kienx raha. Kompla jgħid li l-karozza li kienet ġejja minn Wied Rini aktarx li ħarġet wara li seħħ l-inċident, u ma jafx x'sar minnha. Qal li huwa niżel mill-vettura tiegħu u mar ma' ġenb il-vettura l-oħra involuta fl-inċident li waqfet ħdejn il-garaxx tiegħu, u dak il-ħin ma ngħad l-ebda diskors ħlief li huwa staqsa jekk weġġax xi ħadd. L-intimat Portelli qal li fil-ħin tal-impatt, il-vettura tiegħu kienet wieqfa, u l-ħsarat li kellha l-vettura tiegħu kienu minimi, minkejja li d-daqqa kienet waħda b'saħħitha. Qal li mhux minnu li fil-ħin tal-impatt huwa kien qiegħed jirriversja.

8. Iben l-intimat **Wayne Portelli**, xehed li huwa ħareġ mid-dar madwar ħames minuti wara li seħħ l-inċident, u sema' lix-xufiera li ħabtet ma' missieru tgħid li l-vann ma kienx jidher, għalkemm wara ftit din qalet li rat il-vann miexi b'lura.

9. **Il-Gwardjan Lokali 99** li kien preżenti fuq il-post tal-inċident, qal li huwa ma kejjilx Triq Wied Rini, u lanqas ma ħa d-distanza mill-ġenb tal-lemin tal-vettura IAM 431 sal-kantuniera. Qal li għalih dan ma kienx importanti, għaliex l-inċident mhux hemm sar. Qal li huwa ħa l-wisgħa tat-Triq is-Sajf ta' San Martin, minn wara t-trakk sal-ħajt tan-naħa ta' wara, jiġifieri l-ġenb ta' Triq is-Sajf ta' San Martin fuq ix-xellug tiegħu.

10. Għad-domandi li saru lil **Stephanie Zammit** in kontroeżami, hija qalet li ma semmietx il-vann ipparkjat lill-gwardjan lokali għaliex il-gwardjan staqsiha kif kien seħħ l-impatt, u hija spjegatlu d-daqqa kif seħħet. Qalet li l-vann ma kienx ipparkjat iżda wieqaf, u dak il-ħin kien qiegħed jgħatti l-vettura l-oħra, jiġfieri l-vann li hija kellha l-impatt miegħu. Qalet li l-parti ta' wara tal-vann li kien wieqaf, kienet sporġuta fit-triq prinċipali bi ftit, iżda biżżejjed biex jgħatti t-trakk u jgħatti l-vettura tagħha. Qalet li kif il-vann mexa u daħal fis-sqaq hija indunat li l-vann kien irriversja.

## Il-Lodo Arbitrali

11. Permezz tal-lodo arbitrali, it-Tribunal iddeċieda l-kawża billi ċaħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, u ordna li l-ispejjeż tal-arbitraġġ għandhom jitħallsu kollha minnhom, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Kunsiderazzjonijiet u Konklużjoni***

*Illi l-Arbitru għamel il-kunsiderazzjonijiet segwenti:*

*Illi, il-partijiet f'dan l-Arbitraġġ odjern jikkontradixxu lil xulxin prinċipalment kif ġej:*

1) *Ir-rikorrenti jisħqu li s-sewwieqa kienet qiegħda ssuq fit-triq meta rat vann wieqaf. Malli skapulat dan il-vann (jew, fit-tieni verżjoni tagħha, meta dan il-vann saq 'l hemm (fn. 3 ara l-kontro-eżami ta' Stephanie Zammit fis-seduta V miżmuma nhar il-25 ta' Novembru, 2019), it-truck tal-intimat qabad jirriversja għal fuqha fit-triq prinċipali u b'hekk seħħet il-kolliżjoni;*
2) *L-intimat jisħaq li huwa kien wieqaf meta ħabtet fih il-vettura tar-rikorrenti minħabba li kien qiegħed jistenna karozza toħroġ mis-side street li kien qiegħed jimmira li jidħol fiha. Jgħid li ma kienx qiegħed jirriversja u li kien hemm biżżejjed spazju biex hi tibqa' għaddejja fit-triq prinċipali mingħajr ma taħbat fih.*

*Illi, bħala evidenza biex issostni t-teżi tagħha, ir-rikorrenti tippreżenta x-xhieda tal-kollega tagħha Stefanel Cachia li kienet passiġġiera fl-istess vettura. Din ix-xhud essenzjalment tikkorrobora l-verżjoni tal-fatti tal-istess rikorrenti;*

*Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat jippreżenta x-xhieda tan-neputi tiegħu Jean Paul Ciantar li apparti li jikkorrobora l-verżjoni tal-fatti tal-intimat, jispjega wkoll li huwa kien qiegħed isuq vettura oħra, wara l-vettura tar-rikorrenti, u li ra l-inċident iseħħ quddiem għajnejh meta l-vettura tar-rikorrenti kisret għal fuq il-vettura tal-intimat minflok tbiegħdet minnu u dan – dejjem skont l-istess xhud – meta l-vettura tal-intimat ma kinitx qiegħda tirriversja.*

*Illi ġew ippreżentati wkoll diversi ritratti, kemm dawk meħuda mill-gwardjan lokali u kemm dawk meħuda minn Stefanel Cachia li essenzjalment juru d-danni li ġew sostnuti miż-żewġ vetturi kif ukoll jindikaw il-pożizzjoni tal-vettura tal-intimat fil-punt tal-ħabta.*

*Illi, min-natura tad-danni, ma jistax jiġi dedott min kien responsabbli għall-ħabta hekk kif dawn jidhru li jistgħu jkunu konsistenti maż-żewġ verżjonijiet kontradittorji tal-partijiet;*

*Illi l-pożizzjoni tal-vettura tal-intimat skont ir-ritratti tindika li huwa ma kienx qiegħed jingombra dik in-naħa tat-triq anki jekk kien sporġut ftit 'il barra, allegatament huwa u jistenna l-ħruġ tal-karozza li kienet ġejja kontrih mis-*side street. *Għall-kuntrarju, jidher li kien qiegħed tassew fil-ġenb tat-triq prinċipali, kif wieħed għandu jagħmel jekk kemm-il darba jkun qiegħed jiżgura li s-*side street *tiġi vvakata ġaladarba dehret karozza fiha, u dan b'mod li t-triq prinċipali ma tiġix imblukkata;*

*Illi tqum id-domanda jekk l-intimat messux baqa' fuq in-naħa opposta tat-triq sakemm stenna li tiġi vvakata s-*side street *minflok qasam u waqaf fil-bokka tagħha. Din hija domanda leġittima iżda ma tistax tiġi mwieġba abbażi tal-evidenza li ġiet ippreżentata. Dan għaliex huwa ferm possibbli wkoll li meta l-intimat wasal biex jaqsam min-naħa opposta tat-triq huwa ma ra l-ebda karozza riesqa iżda li din il-karozza tfaċċat hekk kif qasam u kien ser jibda jidħol fis-*side street. *Kien jispetta lir-rikorrenti li jidħlu f'din il-kwistjoni u jippruvaw li l-intimat qasam it-triq b'mod prematur, iżda ma ġiet sottomessa l-ebda evidenza f'dan is-sens.*

*Illi, għaldaqstant, f'dan l-isfond id-domanda rimanenti li tħoll u torbot hija essenzjalment hux veru jew le li t-truck tal-intimat qabad u beda jirriversja għal ġot-triq prinċipali. F'dan ir-rigward l-Arbitru ma jarax għalfejn għandu jemmen it-*

*teżi tar-rikorrenti u dan għaliex huma ma ressqu l-ebda evidenza li tista' tindika dan ħlief ix-xhieda okulari tas-sewwieqa nnifisha u ta' Stefanel Cachia, liema xhieda hija ugwalment irribattuta mix-xhieda tal-intimat u ta' Jean Paul Ciantar.*

*Illi, fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, meta wieħed iqis il-fatturi kollha relatati ma' din il-ħabta, jidher ċar li r-rikorrenti ma rnexxilhomx jippruvaw it-teżi tagħhom sal-grad rikjest mil-liġi u għalhekk ikun inġust li kieku l-Arbitru kellu jsib lill-intimat responsabbli għal dan l-inċident. Inoltre ma ġew sottomessi l-ebda provi li b'xi mod jistgħu jitqiesu li jindikaw xi forma ta' tort parzjali attribwibbli lill-intimat. Mhux hekk biss, iżda fuq evalwazzjoni viżiva tar-ritratti sottomessi f'dan l-Arbitraġġ, l-Arbtiru jemmen li kieku tassew is-sewwieqa rikorrenti rat vettura li kienet qiegħda tgħatti l-bokka tas-side street, kien verament obbligu tagħha li tapplika kawtela żejda sabiex tiżgura li ma hemmx xi sorpriża tistenniha wara l-ostakolu viżiv. Hija imkien ma indikat li ppruvat taġixxi b'dan il-mod kawt iżda li baqgħet għaddejja bħallikieku kellha field of vision libera.*

*Illi f'dan l-istadju ma huwiex meħtieġ li ssir determinazzjoni dwar il-quantum.*

***Deċiżjoni***

*Għas-suesposti kunsiderazzjonijiet, l-Arbtiru qed jaqta' u jiddeċiedi billi:*

*-**Jiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti;*
*-**Jordna** li l-ispejjeż ta' dan l-Arbitraġġ inkluż ta' kwalunkwe att ġudizzjarju relatat miegħu kif indikat iktar 'il fuq jiġu sostnuti kollha mir-rikorrenti."*

## L-Appell

12. L-appellanti ressqu l-appell tagħhom minn dan il-lodo permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-8 ta' Ġunju, 2020, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex,

*"... tirrevoka l-konklużjonijiet raġġunti mill-Arbitru fit-13 ta' Mejju, 2020 fl-atti ta' dan l-Arbitraġġ, u minflok tiddikjara lil Thomas Portelli unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fi Triq is-Sajf ta' San Martin, Baħrija, fit-tnax (12) ta' Mejju, elfejn u tmintax (2018) bejn il-vettura Toyota Dyna numru tar-reġistrazzjoni AAL 431 misjuqa mill-istess Portelli u assigurata mal-intimata l-oħra Mapfre Middlesea Insurance fuq naħa, u l-vettura Fiat Punto, numru tar-reġistrazzjoni EVO 001 proprjetà tar-rikorrenti*

*Edward Zammit, misjuqa minn Stephanie Zammit u assigurata ma' GasanMamo Insurance Limited tramite l-aġenta tagħha Thomas Smith Insurance Agency Limited fuq in-naħa l-oħra; tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti fl-ammont ta' elfejn seba' mija u wieħed u sittin euro u tnax-il ċenteżmu (€2,761.12) u tikkundanna lill-intimati li jħallsu dan l-ammont flimkien mal-interessi mid-data tal-preżentata tal-Avviż tal-Arbitraġġ sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati."*

13. L-appellanti spjegaw li huma ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tat-Tribunal, qabelxejn fejn it-Tribunal irrimarka li l-uniċi żewġ xhieda mressqa minnhom kienu dawk ta' Stephanie Zammit u ta' Stefanel Cachia. Qalu li din l-attitudni tat-Tribunal tmur kontra r-realtà tal-fatti li normalment ikun iffaċċjat bihom min isib ruħu involut f'inċident tat-traffiku, għaliex ħafna drabi sewwieq ikun waħdu jew akkumpanjat minn għadd limitat ta' persuni. L-appellanti qalu li t-Tribunal kellu jeżamina x-xhieda prodotti fid-dawl ta' evidenza ċirkostanzjali oħra li tista' tikkorrobora l-verżjoni tagħhom u twaqqa' l-kredibbilità tal-verżjoni l-oħra, u minn din il-perspettiva huma jemmnu li eżami korrett tax-xhieda u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet, partikolarment ir-ritratti tal-ħsarat fuq il-vettura misjuqa minn Stephanie Zammit, kellhom jikkonvinċu lit-Tribunal li l-verżjoni korretta hija dik mogħtija minn Stephanie Zammit u Stefanel Cachia. Qalu li huwa minnu li l-verżjoni mogħtija minn dawn ix-xhieda ġiet ribattuta minn dak li qalu Thomas Portelli u Jean Paul Ciantar, madanakollu r-ritratti tal-ħsarat fuq il-vettura EVO 001 juru li ma kienx possibbli li kienet Stephanie Zammit li baqgħet dieħla fil-vettura AAL 431, li kif qalu Portelli u Ciantar, kienet wieqfa u ma ċċaqalqet fl-ebda mument waqt l-inċident. L-appellanti qalu illi li kieku l-verżjoni ta' Portelli u Ciantar kellha mis-sewwa, id-daqqa fuq il-vettura EVO 001 kienet tibda minn quddiem nett u tibqa' sejra, bl-istess intensità matul

il-vettura kollha. Qalu li f'dan ir-rigward biżżejjed wieħed iħares lejn ir-ritratti f'paġni 4 u 5 tar-rapport tal-*wardens,* li juru l-ħsara fuq il-vettura EVO 001, liema ritratti juru li m'hemm l-ebda ħsara fuq il-parti ta' quddiem ta' din il-vettura u l-ħsara tibda tidher xi ftit pulzieri lura mill-parti fejn il-ġwejnaħ jaqbad mal-*headlight* u hija aktar fonda u grassa aktar ma wieħed jersaq lura lejn il-ġwejnaħ. L-appellanti qalu li mbagħad hemm il-mera tax-xellug imkissra, il-*quarter window* imkissra, u daqqa fuq il-*windscreen* fuq in-naħa tax-xellug, qabel ma l-ħsara tieqaf ħesrem.

14. L-appellanti qalu li din it-tip ta' ħsara hija kompatibbli ma' dinamika tal-inċident fejn Stephanie Zammit kienet miexja għal triqtha bi dritt, rażenti l-ħajt tax-xellug tat-triq, meta f'mument minnhom it-trakk misjuq minn Portelli irriversja għal fuqha. Qalu li huwa minnu li t-trakk irriversja biss għal distanza żgħira, iżda din id-distanza kienet suffiċjenti biex it-trakk jaqbad il-ġwejnaħ tax-xellug ta' quddiem tal-vettura EVO 001, u sakemm iż-żewġ sewwieqa intebħu x'kien qiegħed jiġri, il-ħsara jew it-tiċrita fuq il-ġwejnaħ ta' EVO 001 kienet aktar fil-fond. L-appellanti qalu li l-parti ta' wara tat-trakk mhux biss laqtet il-ġenb ta' EVO 001, iżda anki l-*windscreen* li xxaqqet, u fl-istess waqt hija kisret lejn il-lemin tagħha f'tentattiv sabiex tevita l-inċident, tant hu hekk li aktar lura m'hemmx aktar ħsara fuq il-vettura misjuqa minnha. L-appellanti qalu li lanqas ma jista' jingħad li Zammit kienet qiegħda ssuq b'xi veloċità eċċessiva. Infatti l-iskizz tal-gwardjan lokali juri li hija mhux biss waqqfet il-vettura tagħha, mingħajr il-ħtieġa ta' xi moviment brusk jew pressjoni qawwija fuq il-brejkijiet tagħha, iżda anki pparkjat bil-galbu fil-ġenb tat-triq f'distanza pjuttost ravviċinata ta' 5.4m. L-appellanti qalu li l-verżjoni li ta Thomas Portelli hija mimlija kontradizzjonijiet u

mhijiex kompatibbli la mad-dinamika tal-inċident u lanqas mal-pożizzjoni li fiha spiċċat il-vettura tiegħu. L-appellanti qalu li Portelli qal li huwa mexa mid-dar tiegħu fuq in-naħa tax-xellug tat-triq, stenna vettura tgħaddi minn fuq il-lemin tiegħu u wara kiser sabiex jidħol fi Triq Wied Rini. Kien hemm li l-appellat sab vettura ħierġa minn din it-triq pjuttost dejqa, u qagħad jistenna sabiex toħroġ dik il-vettura meta ħabta u sabta Zammit ħabtet miegħu fuq wara. Kwantu għal dak li qal Portelli li huwa għamel *'ftit sekondi'* wieqaf qabel ma saret il-ħabta, l-appellanti qalu li kien il-kompitu tat-Tribunal li jeżamina din ix-xhieda u jqabbilha mal-evidenza ċirkostanzjali oħra li tressqet quddiemu, imma minflok għamel dan it-Tribunal irrileva li *'kien jispetta lir-rikorrenti li jidħlu f'din il-kwistjoni (dwar il-mod kif l-intimat qasam Triq is-Sajf ta' San Martin) u jippruvaw li l-intimat qasam it-triq b'mod prematur, iżda ma ġiet sottomessa ebda evidenza f'dan is-sens'.*

15. L-appellanti qalu li din l-evidenza tirriżulta minn diversi fatturi, fosthom il-pożizzjoni li spiċċa fiha t-trakk tal-intimat, kif jidher mill-iskizz tal-*wardens* u kif ikkonfermata mir-ritratti li juru li t-trakk kien angolat 45 grad ma' Triq is-Sajf ta' San Martin. L-appellanti qalu li din il-pożizzjoni mhijiex kompatibbli mat-trajettorja li kien jieħu t-trakk kieku verament, mid-dar tiegħu, l-intimat qasam għan-naħa l-oħra tat-triq, mexa distanza ta' inqas minn 30 metru fuq il-karreġġjata proprja tiegħu, u mbagħad qasam kif suppost sabiex jidħol fi Triq Wied Rini. L-appellanti qalu li kieku verament seħħ dan, l-angolatura tat-trakk kienet tkun ferm aktar viċin id-90 grad. L-appellanti qalu li fir-rigward ta' Triq Wied Rini, it-trakk qiegħed fuq in-naħa l-ħażina, jiġifieri fuq in-naħa tal-lemin, u jekk kif qiegħed jgħid Portelli, huwa kien qiegħed jistenna vettura oħra toħroġ

minn dik it-triq, sewqan korrett kien jirrikjedi li huwa jieqaf fuq in-naħa tax-xellug ta' dik it-triq, jistenna lill-vettura l-oħra tgħaddi minn fuq il-lemin tiegħu, u mbagħad jibqa' dieħel. L-appellanti qalu li l-iskizz tal-gwardjani juri li kien fiżikament impossibbli li vettura tgħaddi bejn in-naħa tal-lemin tat-trakk u l-ġenb tat-triq. L-appellanti komplew jgħidu li l-pożizzjoni li spiċċa fiha t-trakk hija dik li wieħed kien jistenna li kieku huwa wettaq il-manuvra li tiddeskrivi Stefanel Cachia, jiġifieri li rriversja u ġibed għad-direzzjoni li fiha kienet qiegħda ssuq Zammit.

16. L-appellanti qalu li t-Tribunal kien superfiċjali għall-aħħar meta qal li x-xhieda ta' Cachia u Zammit kienet irribattuta b'dik ta' Portelli u Ciantar, u waqaf hemmhekk. Qalu li kien jinkombi fuq it-Tribunal bħala ġudikant li jrid jasal għall-verità, li jagħrbel ix-xhieda tal-erba' persuni u jiżen min minnhom kien qiegħed jgħid il-verità u x-xhieda ta' min hija l-aktar kredibbli. Qalu li x-xhieda ta' Ciantar tant fiha kontradizzjonijiet li ma tista' tingħata l-ebda piż, u dan għaliex għalkemm dan ix-xhud iridna nemmnu li jiftakar fid-dettall il-kronoloġija tal-fatti li wasslu għall-inċident, f'kull ħaġa oħra huwa kien vag u inċert għall-aħħar. L-appellanti jgħidu li l-intimat ma ftakarx jekk l-inċident ġarax fis-sajf jew fix-xitwa, u lanqas kien ċert jekk l-inċident ġarax filgħodu jew filgħaxija, u fix-xhieda tiegħu ripetutament għamel riferiment għal vann 'li kien naqra żgħira kbir'. L-appellanti qalu li anki persuna li ma tifhem xejn fil-vetturi ma kienet ser tasal li tirreferi għat-trakk misjuq minn Portelli bħala vann, u kien biss fil-kontroeżami tiegħu li Ciantar qal li l-vann inkwistjoni wieħed jista' jirreferi għalih bħala trakk. L-appellanti qalu wkoll li Ciantar allega li biex daħal fi Triq Wied Rini, it-trakk ħa d-direzzjoni mistennija minnu li kieku verament it-trakk qasam min-naħa t-tajba

ta' Triq is-Sajf ta' San Martin, u ċioé spiċċa kartabum ma' Triq Wied Rini. Għad-domanda dwar kif fir-ritratti tal-gwardjani t-trakk jidher angolat, Ciantar ikkonferma li t-trakk kien kartabum jiġifieri '*right angles*', imma li fil-ħin li ttieħdu r-ritratti l-vann kien iċċaqlaq biex jgħaddu l-karozzi. L-appellanti qalu li din il-verżjoni hija kontradetta minn Portelli nnifsu, li fl-ebda mument ma qal li l-vettura tiegħu ċċaqalqet bejn meta seħħ l-inċident u l-ħin li marru l-*wardens.* L-appellanti qalu li kemm l-iskizz kif ukoll ir-rapport tal-*wardens* juru li t-trakk ma ċċaqlaqx. Ciantar qal ukoll li l-vettura EVO 001 waqfet 20 metru bogħod mill-punt tal-impatt, iżda mill-iskizz tal-*wardens* jirriżulta li din waqfet 5.4 metri bogħod mit-trakk. L-appellanti qalu li sabiex jipprova jikkonvinċi aktar, Ciantar qal li huwa waqaf ikellem lil Portelli, li jiġi zijuh, iżda Portelli nnifsu xehed li lilu ma kellmu ħadd dwar l-inċident, u jekk Ciantar ra kollox jiġri quddiem għajnejh, ma kellu l-ebda raġuni għalfejn jistaqsi lil Portelli dwar dak li ġara. L-appellanti qalu wkoll li ħadd ma pprova jispjega kif, mill-pożizzjoni li kien fiha t-trakk ta' Portelli, dan seta' jkun jaf jekk kinux ġejjin vetturi minn warajh. L-appellanti żiedu jgħidu li d-deskrizzjoni li jagħti Ciantar tal-inċident xejn ma hija kompatibbli mal-ħsarat li jidhru fuq il-vetturi tal-partijiet, għaliex huwa jgħid li Zammit inħasdet xħin rat it-trakk jaqsam quddiemha u qal li *'flok waqfet, baqgħet dieħla ġo fih. Flok kisret 'il barra kisret 'il ġewwa'*, u fil-kontroeżami qal li *'hi kienet miexja dritta'* u li flok kisret 'il barra kisret 'il ġewwa. L-appellanti qalu li kieku dak li qiegħed jgħid Ciantar għandu mis-sewwa, l-angolatura ta' EVO 011 tant kienet tkun qawwija, li l-ħsara fuqha ma kinitx tkun waħda li tista' ssejħilha *'żbrixx'* iżda kienet tkun ferm aktar ippronunzjata, tant li wieħed kien jistenna li l-ġwejnaħ ikun imċarrat.

17. L-appellanti qalu li kontra x-xhieda ta' Ciantar, hemm ix-xhieda ta' Stefanel Cachia, li m'għandha l-ebda rabta ma' xi waħda mill-partijiet, u li xehdet li hija rat it-trakk jirriversja għal fuq il-vettura tar-rikorrenti, u t-trakk kien qiegħed jiġbed lejn in-naħa li fiha kienet qiegħda issuq Zammit. L-appellanti għamlu riferiment għall-parti tal-lodo arbitrali fejn it-Tribunal qal li l-pożizzjoni tal-vettura tal-intimat Portelli tindika li huwa ma kienx qiegħed jingombra dik il-parti tat-triq, anki jekk kien sporġut xi ftit 'il barra. Imma l-appellanti qalu li l-vertenza hawnhekk mhijiex jekk l-intimat kienx qiegħed jingombra t-triq prinċipali, imma jekk huwa kienx verament qiegħed stazzjonarju b'mod li kienet Zammit li daħlet fih, kif qiegħed isostni hu, jew inkella kienx qiegħed jirriversja, anki jekk bi ftit, b'tali mod li ħabat ma' vettura li kienet qiegħda tinstaq fit-triq prinċipali. L-appellanti qalu li bix-xhieda tiegħu Ciantar ikkonferma li Zammit kienet qiegħda ssuq bi dritt, b'veloċità konsentita f'dawk l-inħawi, u li kieku mhux għax din inħasdet u minflok kisret 'il barra kisret 'il ġewwa, ma kien jiġri xejn. L-appellanti qalu li t-Tribunal naqas milli jistaqsi għal liema raġuni Zammit irreaġixxiet bil-mod deskritt minn Ciantar, għaliex il-fatt li din rat vettura wieqfa fuq in-naħa tax-xellug tagħha, ma kellux iwassal biex hija tirreaġixxi b'ħasda daqstant kbira.

18. L-appellanti għamlu riferiment għall-parti tal-lodo arbitrali fejn it-Tribunal kkritika lil Zammit talli kompliet bi triqitha meta rat vann li kien qiegħed jostakola l-viżwali ta' x'kien qiegħed jiġri fi triq sekondarja, fuq ix-xellug tagħha. L-appellanti qalu li t-Tribunal donnu li tħawwad dwar id-dmirijiet u drittijiet rispettivi ta' min ikun qiegħed isuq fi triq prinċipali u min, mill-banda l-oħra, ikun irid joħroġ minn triq sekondarja għal triq prinċipali. Qalu li skont it-Tribunal, tal-

ewwel messha naqqset il-veloċità, anki jekk tkun għaddejja b'veloċità moderata, kull darba li tkun ser tittraversa triq sekondarja li ma jmurx jagħti l-każ li joħroġ xi ħadd minn dik it-triq u jissorprendieha. L-appellanti kkonkludew billi qalu li l-eżerċizzju li għamel it-Tribunal dwar ir-responsabbilità rispettiva taż-żewġ sewwieqa involuti fl-inċident, kien wieħed fallaċi għall-aħħar, u l-konklużjoni tiegħu għandha tiġi ribaltata sabiex Thomas Portelli jinżamm unikament u esklussivament responsabbli għall-inċident. L-appellanti qalu wkoll li minkejja li t-Tribunal ikkonkluda li ma kienx meħtieġ li ssir determinazzjoni dwar il-*quantum*, minkejja li inizjalment l-intimati kkontestaw id-danni, huma kienu sussegwentement irtiraw l-eċċezzjoni tagħhom f'dan ir-rigward, u għalhekk għandu jitqies li l-*quantum* mhuwiex ikkontestat.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

19. L-appellati fir-risposta tagħhom wieġbu li l-appell interpost mill-appellanti għandu jiġi miċħud, u l-lodo arbitrali għandu jiġi kkonfermat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti. L-appellati qalu li l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa bbażat fuq il-fatt li t-Tribunal kkritikahom għaliex ma ressqux biżżejjed provi sabiex jissostanzjaw l-allegazzjonijiet tagħhom sal-grad rikjest mil-liġi. L-appellati qalu li l-appellanti ma jistgħux jippretendu li tinbidel il-liġi għall-konvenjenza tagħhom, sabiex huwa jinstab responsabbli meta l-grad tal-prova legalment rikjest ma ntlaħaqx, għaliex inkella tkun qiegħda ssir inġustizzja li ċċaħħad lill-appellat mid-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. L-appellat qal li x-xhieda mhumiex l-uniku mezz ta' evidenza li setgħu

jressqu l-appellanti bħala prova, u b'hekk dan l-aggravju tagħhom għandu jiġi skartat.

20. L-appellati qalu ukoll li t-tieni aggravju huwa bbażat fuq spekulazzjoni assoluta, fejn l-appellanti jisħqu li l-unika spjegazzjoni għall-ħsarat li saru fil-vettura EVO 011 huwa r-rakkont tal-fatti kif spjegat mir-rikorrenti. Qalu li filwaqt li l-appellanti jgħidu li x-xhieda tal-appellat Portelli hija mimlija kontradizzjonijiet, u b'hekk jaslu għall-konklużjoni li din il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellat Portelli mhijiex kompatibbli ma' kif seħħ l-inċident, billi jitfgħu dubju dwar jekk Portelli qasamx it-triq b'mod prematur, l-appellati jgħidu li ma tressqet ebda prova ta' dan waqt il-proċeduri arbitrali, u lanqas ma tqajmet f'xi waqt tal-proċess, sabiex b'hekk l-appellanti ma jistgħux jippretendu li jiġġustifikaw dan l-argument bi kliemhom biss, mingħajr provi ulterjuri.

21. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellanti, l-appellati qal li dawn qegħdin jallegaw li hemm kontradizzjonijiet fix-xhieda ta' Ciantar primarjament għaliex dan irrefera għall-vettura tal-intimat bħala 'vann' minflok 'trakk', imma li dawn il-kontradizzjonijiet ma kinux biżżejjed biex isaħħu l-allegazzjonijiet tal-appellanti bħala provi, għaliex dawn ħassew li kellhom jagħmlu riferiment ukoll għax-xhieda ta' Stefanel Cachia, li qalet li rat it-trakk jirriversja. L-appellati qalu li f'dan il-proċess l-appellanti naqsu milli jindirizzaw il-kontradizzjonijiet fix-xhieda ta' Stephanie Zammit, li l-ewwel qalet li ħarġilha trakk bir-rivers, u ftit wara ddikjarat li hija ma ndunatx bit-trakk il-kbir, filwaqt li Stefanel Cachia qalet li rat it-trakk jirriversja u għajtet *'attenta'* sabiex b'hekk setgħet kienet l-għajta tal-istess Cachia li ħasdet lix-xufiera Stephanie Zammit.

22. L-appellati qalu wkoll li bl-aħħar aggravju tagħhom, l-appellanti qegħdin jippruvaw jiġġustifikaw l-aġir ta' Zammit meta qabżet il-vann ipparkjat, u minkejja li dan kien qiegħed jostakola l-viżwal fit-triq, hija xorta waħda ma naqqsitx mill-veloċità u ma żammitx *proper lookout* bid-diliġenza u bil-kawtela li wieħed għandu josserva f'kull ħin u f'kull mument waqt is-sewqan. L-appellati qalu li r-raġuni ewlenija li wasslet għall-inċident inkwistjoni kienet in-negliġenza jew in-non-osservanza da parti tas-sewwieqa Stephanie Zammit.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

23. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanti fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll inkonsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-appellati.

*L-ewwel aggravju: [l-għadd ta' xhieda li tressqu; provi korroboranti]*

24. L-appellanti jgħidu li t-Tribunal kien żbaljat fil-kritika tiegħu li huma messhom ressqu xhieda oħra apparti lil Stephanie Zammit u lil Stefanel Cachia li kienet riekba magħha, għaliex normalment meta jseħħ inċident, min ikun involut jew ikun waħdu jew ikollu numru limitat ta' passiġġieri rekbin miegħu. Imma l-appellanti qalu li f'dan il-każ t-Tribunal kellu l-obbligu li jfittex il-verità billi jikkonsidra provi oħra mressqa minnhom, fosthom ir-ritratti tal-ħsarat li ġarrbet il-vettura misjuqa minn Stephanie Zammit. L-appellanti saħqu li dawn ir-ritratti juru b'mod ċar li l-inċident seħħ bil-mod kif deskritt minn Stephanie

Zammit, u d-daqqa kif tidher f'dawn ir-ritratti turi li l-ħsara li ġarrbet il-vettura misjuqa minn Stephanie Zammit hija kompatibbli ma' inċident li seħħ meta t-trakk misjuq minn Portelli irriversja għal fuqha.

25. Il-Qorti kkonsidrat il-provi kollha li tressqu quddiem it-Tribunal, u filwaqt li tifhem li f'każijiet ta' din ix-xorta l-provi li jinġabu jafu jkunu limitati u ristretti għan-numru ta' persuni involuti fl-inċident, id-diversi ritratti esebiti li juru l-ħsarat mġarrba mill-vetturi inkwistjoni, jagħtu indikazzjoni tajba ferm tal-mod kif seħħ l-inċident. Il-fatt li l-ħsara sostanzjali fuq il-vettura misjuqa mill-Stephanie Zammit hija kkonċentrata fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura, tindika li d-daqqa Zammit ħaditha meta t-trakk misjuq mill-appellat kien qiegħed jirriversja. Ir-ritratt esebit u mmarkat SC11 juri l-angolatura li spiċċa fiha t-trakk wara l-inċident, bil-vettura tal-appellanta wieqfa f'distanza qasira quddiemu, liema distanza hija kompatibbli max-xhieda ta' Stephanie Zammit, li qalet li hija laħqet saqet madwar ħames metri qabel waqfet għalkollox. Anki din l-asserzjoni tindika li Zammit inħasdet b'li kien ġara, u għall-bidu ma ndunatx bl-impatt ma' trakk li ħareġ minn wara vettura oħra li kienet wieqfa fil-ġenb tat-triq. Mill-provi esebiti jirriżulta wkoll li l-appellanta kienet qiegħda ssuq b'mod prudenti, għaliex m'hemmx marki tal-brejkijiet mal-art jew xi forma ta' indikazzjoni li din waqqfet il-vettura tagħha f'salt, wara li kienet qiegħda ssuq b'veloċità eċċessiva. Ir-ritratt *a fol.* 7 ukoll jindika li l-pożizzjoni li spiċċa fiha t-trakk hija kompatibbli mal-manuvra ta' rivers fid-direzzjoni tal-vettura li kienet qiegħda tinstaq minn Stephanie Zammit. Huwa għalhekk li l-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanta huwa ġustifikat, u ser tilqgħu. Tirrileva li f'każijiet bħal dawn, sabiex il-ġustizzja mhux biss issir iżda tidher ukoll li qed issir, hemm bżonn li Qorti ta'

reviżjoni tevalwa b'mod akkurat l-provi kollha li jkunu ngħabu fl-ewwel istanza. F'każijiet bħal dawn huwa diffiċli wkoll li l-ġudikant jiddeċiedi dwar min mill-partijiet qed jgħid is-sewwa, jew li jiddeċiedi b'ċertezza dwar il-fatti kif ġraw. Imma l-Qorti wara li eżaminat il-provi kollha, waslet għall-konklużjoni li l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellanti hija ferm aktar verosimilii u għandha ferm aktar mis-sewwa, mill-verżjoni mogħtija mill-appellat, partikolarment meta wieħed iqis in-natura tal-ħsara u l-pożizzjoni li spiċċaw fiha l-vetturi wara l-inċident. Għalhekk tqis li dan l-aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *[kontradizzjonijiet fix-xhieda tal-intimat Portelli]*

26. Il-Qorti diġà eżaminat dak li ntqal mix-xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem it-Tribunal, u waslet għall-konklużjonijiet tagħha dwar liema mill-verżjonijiet hija l-aktar verżjoni kredibbli u kompatibbli mal-ħsara fuq il-vettura ta' Stephanie Zammit. Fl-ewwel lok mill-provi rriżulta li fil-ħin tal-inċident Portelli kien ħiereġ mid-dar tiegħu fi triqtu lejn l-għalqa. Huwa qal li kien miexi bil-mod, meta f'daqqa waħda sema' daqqa għaliex kienet daħlet fih Zammit. Iżda din il-verżjoni tal-fatti mhijiex kompatibbli mal-ħsara li ġarrbet il-vettura ta' Stephanie Zammit, li kif jidher ċar mir-ritratti ġarrbet ħsara fil-ġenb tal-passiġġier kollu, indikazzjoni din li kienet il-vettura ta' Zammit li ntlaqtet mit-trakk u mhux viċi versa. Għall-Qorti r-ritratti tal-eTars esebiti juru bl-aktar mod ċar li l-inċident seħħ għaliex it-trakk misjuq mill-appellat kien ħiereġ fil-*main road* bir-*reverse* u kien dak il-ħin li dan laqat il-vettura misjuqa minn Stephanie Zammit. Għaldaqstant tqis illi dan it-tieni aggravju tal-appellanti huwa mistħoqq ukoll, u tilqgħu.

*It-tielet aggravju:* *[kontradizzjonijiet fix-xhieda]*

27. L-appellanti jgħidu li x-xhieda mogħtija minn Jean Paul Ciantar kien fiha diversi kontradizzjonijiet li donnhom sfuġġew lit-Tribunal. Qalu li Ciantar iddeskriva t-trakk misjuq mill-appellat bħala 'vann', u għal diversi drabi qal li l-vann jew it-trakk spiċċa *at right angles,* meta mir-ritratti esebiti jidher ċar li dan spiċċa angolat mat-triq. L-appellanti qalu li Jean Paul Ciantar allega li l-vettura misjuqa minn Zammit waqfet madwar 20 metru bogħod minn fejn seħħ l-impatt, iżda kemm mir-ritratti esebiti kif ukoll mir-rapport tal-*wardens,* jidher ċar li din waqfet biss madwar 5.4 metri bogħod. Il-Qorti mhijiex sejra toqgħod tifli l-kontradizzjonijiet kollha li semmew l-appellanti fix-xhieda mogħtija minn Jean Paul Ciantar u Thomas Portelli, għaliex f'dan l-istadju eżerċizzju bħal dan ikun wieħed inutli, ladarba l-Qorti diġà għamlet il-pożizzjoni tagħha ċara fir-rigward tad-dinamika ta' kif seħħ dan l-inċident. Diversi drabi jiġri li x-xhieda u l-partijiet jagħtu verżjonijiet konfliġġenti dwar il-mod kif ikunu seħħew ċerti fatti, u l-ġudikant isib li l-aktar verżjoni oġġettiva tal-fatti kif ġraw tinsab fil-provi ċirkostanzjali u fl-evidenza dokumentarja miġjuba mill-partijiet, f'dan il-każ ir-ritratti esebiti u l-pożizzjoni li spiċċaw fiha l-vetturi wara l-inċident. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li anki t-tielet aggravju huwa mistħoqq u ser tilqgħu, l-aktar għaliex il-verżjonijiet mogħtija mix-xhieda tant huma konfliġġenti għal xulxin, li l-aħjar mod kif il-Qorti tista' tasal għal deċiżjoni huwa billi teżamina fid-dettall il-provi oġġettivi miġjuba.

*Ir-raba' aggravju:* *[it-Tribunal ma kienx korrett fl-analiżi tiegħu dwar id-drittijiet u d-dmirijiet rispettivi ta' min qiegħed isuq fi triq prinċipali u min irid joħroġ minn triq sekondarja]*

28. L-appellanti jgħidu li f'dan il-każ it-Tribunal ħawwad id-dmirijiet u d-drittijiet rispettivi ta' min ikun għaddej minn triq prinċipali u ta' min irid joħroġ minn triq sekondarja għal triq prinċipali. Il-Qorti hija tal-fehma li hawn ikun ta' siwi li tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), f'deċiżjoni fl-ismijiet **Anthony u Carmen konjuġi Cassar *vs.* Joel Hili**[1], fejn il-Qorti ġabret flimkien diversi insenjamenti ġurisprudenzjali dwar l-obbligi ta' *side road user* meta dan ikun ħiereġ f'*main road:*

> "Anke jekk dan l-eżerċizzju diġà sar mit-Tribunal, jokkorri, qabel kull konsiderazzjoni oħra, illi jiġu reġistrati ċerti prinċipji ta' dritt f'materja ta' kolliżjonijiet ko-involġenti "*main road user*" u "*side road user*":
>
> (1) Is-*side road user* għandu l-obbligu li jċedi għat-traffiku fuq il-*main road,* li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma joħroġ fiha, u li jimxi *dead slow,* u saħansitra li jwaqqaf, biex u sakemm jaċċerta ruħu li jista' joħroġ bla ħsara. Il-*main road user* għandu wkoll l-obbligu li joqgħod attent fil-*cross roads,* imma l-grad ta' diliġenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-*side road user,* għax hu ma jkunx qiegħed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi fuq triq dritta – **Maġġur Alfred Stagno Navarra *vs* Nicola Saliba et**, Appell Ċivili, 27 ta' Novembru, 1961; **Mark Sammut *vs* Maryse Germaine de la Fargue**; Appell Ċivili 2 ta' April 1976;
>
> (2) Dan il-prinċipju jekkeġġja dak li kien intqal f'sentenza anterjuri, u ċioe, illi, "min ikun isuq karozza u jasal biex joħroġ fi triq prinċipali, għandu l-obbligu li qabel jesplora tajjeb it-traffiku transitanti fuqha; dan ma jfissirx illi min ikun isuq fi triq prinċipali huwa dispensat mill-obbligu ta' kull *road user* li juża d-diliġenza meħtieġa fis-sewqan, imma l-obbligu ta' min ikun ħiereġ fuq it-triq prinċipali

[1] 26.04.2006.

huwa innegabilment ikbar" – **Major Roger Leigh Trapnell nomine *vs* Emmanuel Muscat**; Prim Awla tal-Qorti Ċivili; 26 ta' Ġunju 1946, per Imħallef W. Harding;

(3) "L-esplorazzjoni da parte tas-*side road user* għat-traffiku transitanti fuq triq prinċipali (*multo magis* fejn f'dan il-każ kellu *Stop Sign)* ma hijiex limitata għal waqfien f'tarf l-inkroċju, imma inoltre dan għandu jikkalkola jistax jaqsam wara li jistma l-veloċità tal-vetturi li jkunu qed joqorbu lejn l-inkroċju fit-triq prinċipali" – **Alexander Bartolo *vs* Kalċedon Micallef –** Prim Awla Qorti Ċivili, 16 ta' Frar, 1972. "L-obbligu tiegħu kien illi jieqaf zoptu <u>wara</u> l-linja indikata mal-art bħala l-limitu li oltre minnha hu ma setax isuq jekk mhux wara li jkun assigura ruħu li t-triq prinċipali kienet għal kollox *clear"* – **Aldo Cutajar *vs* Charles Magro** – Appell Sede Inferjuri, 27 ta' Ottubru 2000;

(4) Tibqa' pero dejjem valida wkoll l-osservazzjoni illi, "Il-*main road user* m'għandux, unikament għax u bħala tali, xi brevett ta' immunità minn kwalunkwe responsabbilità f'kull infortunju stradali li fih ikun ko-involt *side road user* – **Lawrence Montebello *vs* Vincent Gatt –** Appell Ċivili, 19 ta' Awwissu, 1966."

29. In vista ta' dawn l-insenjamenti, il-Qorti ma tikkondividix il-konklużjoni tat-Tribunal li l-appellanta kellha xi obbligi akbar minn tal-appellat, li kien ħiereġ mit-triq sekondarja fil-ħin tal-inċident. Huwa minnu li ż-żewġ sewwieqa kellhom l-obbligu li jżommu *proper lookout,* iżda l-obbligu tal-appellat li waqt il-manuvra tal-irriversjar tal-vettura tiegħu juża diliġenza u joqgħod ferm attent, kien akbar. Huwa għalhekk li din il-Qorti tqis li dan ir-raba' aggravju huwa ġustifikat ukoll, u tilqgħu.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tilqgħu, u filwaqt li tiddikjara li r-responsabbilità għall-inċident**

**mertu ta' dawn il-proċeduri hija tal-intimat Thomas Portelli, qiegħda tillikwida d-danni sofferti mill-appellanti fis-somma ta' €2,761.12, u tikkundanna lill-appellati jħallsu din is-somma, flimkien mal-imgħaxijiet mid-data tal-preżentata tal-Avviż tal-Arbitraġġ sad-data tal-pagament effettiv.**

**Spejjeż tal-proċeduri arbitrali jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**